

**Brussell, 30 ta' Settembru 2022  
(OR. en)**

**12838/22**

**JAI 1251  
COPEN 336  
JUSTCIV 118  
COJUR 30  
IPCR 93  
RELEX 1276**

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	12756/22
Suġġett:	Risponsi ġudizzjarji u l-ġlieda kontra l-impunità fir-rigward ta' delitti mwettqa b'rabta mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna - Sitwazzjoni attwali

---

Il-Kunsill, flimkien mal-istituzzjonijiet u l-aġenziji l-oħra tal-UE, aġixxa b'mod rapidu wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja biex jappoġġa l-ġlieda kontra l-impunità fir-rigward tad-delitti tal-gwerra u d-delitti l-aktar serji l-oħra. Il-Ministri għall-Ġustizzja diġà ddiskutew is-sitwazzjoni fl-4 ta' Marzu 2022, u ddiskutew dan is-suġġett f'kull laqgħa sussegwenti. L-aħħar diskussjoni saret fil-laqgħa informali fi Praga f'Lulju, fil-preżenza tal-prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI), il-Ministru għall-Ġustizzja tal-Ukrajna u l-president tal-Kumitat LIBE tal-Parlament Ewropew.

Il-Presidenza bdiet ukoll diskussjonijiet dwar dan is-suġġett f'laqgħat oħra ta' livell għoli, bħal-laqgħa tal-Kumitat ta' Koordinament fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja fmaterji kriminali (CATS) fil-21 ta' Settembru 2022.

Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-30 u l-31 ta' Mejju 2022, il-Kunsill Ewropew iddikjara li huwa "ifaħħar lil dawk kollha li qed jgħinu biex tinġabar evidenza u biex jiġu investigati d-delitti tal-gwerra u d-delitti l-aktar serji l-oħra, u jappoġġa l-ħidma intensiva tal-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali f'dan ir-rigward. Ifaħħar ukoll il-ħidma li qed titwettag mill-Prosekutur Ġenerali tal-Ukrajna bl-appoġġ finanzjarju u ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha."

L-isforzi u l-inizjattivi ewlenin f'dan il-qasam jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- Erbatax-il Stat Membru fetħu investigazzjonijiet f'delitti mwettqa b'rabta mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna, jew abbażi ta' ġurisdizzjoni personali (pereżempju vittma jew l-awtur ikollhom (ukoll) in-nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE) jew abbażi ta' ġurisdizzjoni universali.
- Fil-25 ta' Marzu 2022, ġiet stabbilita skwadra ta' investigazzjoni konġunta (SIK) bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji Pollakki, Litwani u Ukreni, bl-appoġġ tal-Eurojust. Hija għandha l-għan li tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u l-evidenza u li tappoġġa l-investigazzjonijiet kriminali fid-delitti mwettqa fl-Ukrajna. Fil-25 ta' April 2022, l-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-QKI ħabbar il-parteċipazzjoni tiegħu fis-SIK. Fit-30 ta' Mejju 2022, l-awtoritajiet ġudizzjarji Estonjani, Latvjani u Slovakki ngħaqdu b'mod formali mas-SIK. Il-Eurojust tkompli tipprovdi appoġġ operazzjonali, legali u finanzjarju kruċjali lis-SIK.
- Barra minn hekk, fit-13 ta' April 2022 il-Kunsill emenda l-mandat tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-UE għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine).<sup>1</sup> Skont il-mandat emendat, EUAM Ukraine tipprovdi wkoll appoġġ lill-awtoritajiet Ukreni biex tiffaċilita l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe delitt internazzjonali mwettqa fil-kuntest tal-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna.

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/638 tat-13 ta' April 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine), ĠU L 117, 19.4.2022, p. 38–39.

- Ir-rwol tal-Eurojust bħala korp ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri huwa essenzjali fil-kuntest tal-ġbir ta' provi tad-delitti tal-gwerra u d-delitti l-aktar serji l-oħra, speċjalment peress li l-Eurojust tospita u tipprovdi s-segretarjat għan-Network Ewropew għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' ġenoċidju, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra ("Network għall-Ġenoċidju") u stabbiliet rabtiet mill-qrib mal-Ukrajna permezz tal-preżenza ta' Prosekutur ta' Kollegament għall-Ukrajna. F'dak il-kuntest, tqies essenzjali li l-Eurojust tkun tista' tissodisfa bis-siġħ dak ir-rwol importanti ta' koordinazzjoni permezz tal-preservazzjoni u l-analiżi tal-evidenza biex tappoġġa d-diversi investigazzjonijiet mibdiġa. Wara proposta tal-Kummissjoni, u f'perjodi ta' żmien stretti ħafna taħt proċedura ta' emerġenza eċċezzjonali, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew adottaw ir-Regolament (UE) 2022/838 dwar il-preservazzjoni, l-analiżi u l-ħżin fil-Eurojust ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati.<sup>2</sup> Ir-Regolament daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2022. Il-Eurojust bħalissa qed tistabbilixxi l-infrastruttura meħtieġa biex tapplika r-Regolament; fuq talba tal-Presidenza, hija tirrapporta regolarment dwar dak il-proċess fil-korpi preparatorji tal-Kunsill.<sup>3</sup>
- Fil-21 ta' Settembru 2022, il-Eurojust, in-Network għall-Ġenoċidju u l-Uffiċċju tal-Prosekutur fil-QKI ppubblikaw linji gwida għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili: "Documenting international crimes and human rights violations for criminal accountability purposes" (Dokumentazzjoni ta' delitti internazzjonali u ksur tad-drittijiet tal-bniedem għal finijiet ta' responsabbiltà kriminali). Il-linji gwida, li huma disponibbli fuq is-sit web tal-Eurojust, għandhom l-għan li jassistu fil-ġlieda kontra l-impunità u tfasslu abbażi tal-għarfien espert tal-Uffiċċju tal-Prosekutur fil-QKI, il-Eurojust, in-Network għall-Ġenoċidju, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-prosekuturi nazzjonali u s-sħab internazzjonali.

---

<sup>2</sup> Regolament (UE) 2022/838 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 fir-rigward tal-preservazzjoni, l-analiżi u l-ħżin fil-Eurojust ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati (ĠU L 148, 31.5.2022, p. 1-5).

<sup>3</sup> Reċentement fil-laqgħa tal-COPEN fis-16 ta' Settembru; ara wkoll id-dokument WK 12104/22.

- Il-Europol tappoġġa lill-awtoritajiet kompetenti fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tad-delitti tal-gwerra u d-delitti l-aktar serji l-oħra permezz tal-ipproċessar u l-analiżi ta' informazzjoni fil-kuntest tas-sistema ddedikata tagħha dwar delitti internazzjonali, imsejħa "Proġett ta' Analiżi tad-Delitti Internazzjonali Ewlenin". Il-Eurojust qed tikkoopera mal-Europol sabiex tiżgura l-funzjoni komplementari ottimali tal-aġenziji b'sostenn għall-investigazzjonijiet.
- Fid-dawl taż-żieda fl-ammont ta' xogħol ikkawżat mis-sitwazzjoni fl-Ukrajna, il-QKI għamlet sejħa għal kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali, u assistenza fil-forma ta' riżorsi umani li jistgħu jgħinu fl-investigazzjonijiet (fost l-oħrajn prosekuturi sekondati, investigaturi, esperti). Għalhekk, l-isforzi tal-Kunsill kienu ddedikati għall-koordinazzjoni tal-azzjoni mill-Istati Membri f'dan il-qasam. B'kollox, aktar minn EUR 7 miljun ġew ipprovduti lill-QKI bħala appoġġ finanzjarju addizzjonali, u diversi Stati Membri bagħtu esperti f'The Hague biex jgħinu lill-QKI fil-ħidma importanti tagħha.
- Permezz tar-Rispons Politiku Integrat f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR), il-Presidenza assistiet ukoll fil-koordinazzjoni tal-appoġġ forensiku lill-awtoritajiet Ukreni għall-ġbir ta' provi ta' delitti internazzjonali. L-Istati Membri ġew imħeġġa jkomplu jikkontribwixxu b'mod attiv għall-investigazzjonijiet ta' delitti kriminali internazzjonali billi jidderieġu l-offerti tagħhom ta' appoġġ forensiku permezz tal-QKI, li hija mgħammra tajjeb biex tikkoordina dawn l-offerti. Fil-fatt, permezz tal-mudell ta' rotazzjoni tagħha, il-QKI tiġbor flimkien l-offerti u tqabbilhom mal-ħtiġijiet Ukreni. Il-mudell ta' rotazzjoni tal-QKI jippreżenta diversi vantaġġi għall-Istati Membri f'termini ta' bażi legali, immunità, appoġġ loġistiku, sigurtà, assigurazzjoni, tnaqqis tal-kostijiet, eċċ.<sup>4</sup> Il-QKI tikkoopera mill-qrib ma' EUAM Ukraine f'dan il-qasam.

Deskrizzjoni aktar estensiva u dettaljata tad-diversi sforzi u inizjattivi tinsab fid-dokument WK 5731/22, li jiġi aġġornat regolarment.

Għandu jiġi nnotat ukoll li l-Presidenza qed tagħmel kull sforz biex id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar iż-żieda tal-ksur tal-miżuri restrittivi fl-Artikolu 83(1)TFUE tiġi adottata mill-aktar fis possibbli, wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew. Ladarba l-proposta għal Direttiva dwar pieni kriminali għall-ksur tal-miżuri restrittivi tkun ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni, il-Presidenza ser tagħmel ukoll kull sforz possibbli biex tiżgura li dik il-proposta tiġi ttrattata b'urġenza fil-Kunsill.

<sup>4</sup> Fit-30 ta' Settembru 2022, l-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-QKI ħareġ fuljett b'informazzjoni għall-pajjiżi kontribwenti potenzjali dwar l-implimentazzjoni forensika fuq il-post mal-QKI.

Il-Presidenza ser tkompli tiżgura li l-Kunsill, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, is-SEAE u partijiet ikkonċernati oħra, ser ikompli jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jiġbru b'mod effiċjenti provi tad-delitti tal-gwerra u d-delitti l-aktar serji l-oħra mwettqa fl-Ukrajna, filwaqt li jesploraw sinerġiji potenzjali u jevitaw xogħol doppju.

Sabiex tkompli tiżviluppa u tissimplifika dawn l-isforzi kollha, il-Presidenza ppreżentat abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-impunità fir-rigward ta' delitti mwettqa b'rabta mal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna.<sup>5</sup> Id-diskussjonijiet dwar dan l-abbozz ta' konklużjonijiet bdew reċentement.

---

---

<sup>5</sup> 12756/22.